SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

3 ta' Marzu 2011 *

Fil-Kawża C-134/10,

li għandha bħala suġġett rikors għal annullament skont l-Artikolu 258, ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2010,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Nijenhuis u C. Vrignon, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Renju tal-Belġju, irrappreżentat minn M. Jacobs u T. Materne, bħala aġenti,

konvenut,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta, G. Arestis (Relatur), J. Malenovský u T. Von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li, billi ma ttrasponiex korrettament l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367), ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva u tal-Artikolu 56 TFUE.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

2 Skont il-premessa 43 tad-Direttiva "Servizz Universali":

"Fil-present, l-Istati Membri jimponu ċerti obbligi ta' trasmissijoni ('must carry') fuq networks għad-distribuzzjoni tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni lill-pubbliku. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistipulaw obbligi proporzjonati fuq impriżi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, fl-interess ta' konsiderazzjonijiet leġittmi ta' politika pubblika, iżda dawk l-obbligi għandhom ikunu mposti biss fejn ikunu meħtieġa biex jissodisfaw il-miri ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar mill-Istati Membri b'konformità mal-liġi tal-Komunità u għandhom ikunu proporzjonati, trasparenti u suġġetti għal reviżjoni perjodika. L-obbligi ta' trasmissjoni (must carry) imposti mill-Istati Membri għandhom ikunu raġonevoli, jiġifieri għandhom ikunu proporzjonati u trasparenti fid-dawl ta' miri ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar, u jistgħu, fejn xieraq, jinvolvu dispożizzjoni għal remunerazzjoni proporzjonata. Dawn l-obbligi ta' trasmissjoni (must carry) jistgħu jinkludu t-trasmissjoni ta' servizzi speċifikament maħsuba biex jippermettu aċċess adatt minn utenti b'disabilità."

3 L-Artikolu 31 tad-Direttiva "Servizz Universali" jipprovdi li:

"1. L-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi raġonevoli ta' trasmissjoni (must carry), għat-trasmissjoni ta' kanali [stazzjonijiet] u servizzi speċifiċi tax-xandir tar-radju u tat-televiżjoni, fuq impriżi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom li jfornu networks ta'

komunikazzjonijiet elettroniċi użati għad-distribuzzjoni ta' xandir tar-radju jew tat-televiżjoni lill-pubbliku fejn numru sinjifikanti ta' utenti finali ta' dawk in-networks jużawhom bħala l-mezzi prinċipali tagħhom biex jirċievu xandir bir-radju jew bit-televiżjoni. Dawk l-obbligi għandhom jiġu mposti biss fejn huma meħtieġa biex jilħqu miri ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar u għandhom ikunu proporzjonati u trasparenti. L-obbligi għandhom ikunu suġġetti għal reviżjoni perjodika.

2. La l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u lanqas l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2002/19/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva ta' Aċċess) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 323)] m'għandhom jippreġudikaw il-kapaċità ta' Stat Membru li jistabbilixxi, remunerazzjoni adatta, jekk ikun hemm, dwar miżuri meħuda skond dan l-Artikolu waqt li jassiguraw li, f'ċirkostanzi simili, ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni fit-trattament ta' impriżi li jfornu networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Fejn hemm previst remunerazzjoni, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li tiġi applikata b'mod proporzjonat u trasparenti."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

4 L-Artikolu 13 tal-liġi tat-30 ta' Marzu 1995 dwar in-netwerks ta' distribuzzjoni għax-xandir u l-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' xandir fir-reġjun bilingwi ta' Brussell-Kapitali (Moniteur belge, tat-22 ta' Frar 1996, p. 3797, kif emendat bil-liġi tas-16 ta' Marzu 2007

(Moniteur belge, tal-5 ta' April 2007, p. 19229, iktar 'il quddiem il-"Liġi tat-30 ta' Marzu 1995"), jipprovdi li:

"Bl-għan li jiżgura l-pluraliżmu u d-diversità kulturali l-operatur għandu jxandar, simultanjament u fl-intier tagħhom, il-programmi tat-televizzjoni li ġejjin:

— il-programmi tat-televiżjoni mxandra mill-organizzazzjonijiet tax-xandir ta' servizz pubbliku tal-Komunità Franċiża u dawk tal-Komunità Fjamminga;

— il-programmi tat-televiżjoni mxandra minn kwalunkwe organizzazzjoni tax-xandir oħra tal-Komunità Franċiża jew tal-Komunità Fjamminga, li r-Re jinnomina f'digriet deliberat fil-Kunsill tal-Ministri;

— il-programmi tat-televiżjoni mxandra minn organizzazzjoni tax-xandir ta' servizz pubbliku tal-Komunità li titkellem il-Ġermaniż u li huma nnominati mir-Re f'digriet deliberat fil-Kunsill tal-Ministri. Il-Ministru responsabbli minn din il-liġi għandu jiddetermina, wara r-rakkomandazzjoni tal-Istitut, il-modalitajiet ta' dan ix-xandir (jekk ikun il-każ, permezz ta' stazzjon komuni);

— il-programmi tat-televiżjoni ffokati fuq Brussell-Kapitali li huma mxandra minn organizzazzjonijiet tax-xandir reġjonali awtorizzati mill-Komunità Franċiża u l-Komunità Fjamminga, b'kunsiderazzjoni tal-kamp ta' xandir tagħhom.

Il-ħtieġa tal-obbligi msemmija fil-paragrafu preċedenti, hija vverifikata perjodikament mill-Istitut. Jekk l-Istitut iqis li ma huwiex iktar neċessarju li dawn l-obbligi jinżammu, huwa għandu jinkludi dan, b'mod ċar, fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 34 tal-Liġi tas-17 ta' Jannar 2003 dwar l-istatut tar-regolatur tas-setturi tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet Belġjani.

Il-Ministru jista', fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Istitut, jipprovdi li operatur ikun eżentat minn dan l-artikolu.

L-operaturi li jixtiequ jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni għandhom jagħmlu applikazzjoni mmotivata lill-Istitut filwaqt li jipproduċu prova tal-eżistenza ta' mill-anqas wieħed mill-elementi li ġejjin:

a) huwa teknikament impossibbli għall-operatur;

b) ma hemmx utenti finali biżżejjed fuq in-netwerk, li jużawh bħala s-sors prinċipali sabiex jirċievu l-programmi tat-televiżjoni, b'tali mod li l-investimenti neċessarji sabiex tiġi eliminata l-impossibbiltà teknika huma irraġonevoli.

L-Istitut għandu jikkomunika r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Ministru sa mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara li jirċievi din l-applikazzjoni. Dan it-terminu għandu jiġi sospiż jekk l-Istitut iqis li hemm bżonn ta' iktar informazzjoni min-naħa tal-applikant.

Jekk fid-data li jiskadi t-terminu, l-Istatut ma jkunx għadu għamel rakkomandazzjoni lill-Ministru, l-Istitut jitqies li ta rakkomandazzjoni favorevoli."

Il-proċedura prekontenzjuża

5 Fit-28 ta' April 2006, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Renju tal-Belġju fejn esprimiet id-dubji tagħha dwar il-konformità tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995, fil-verżjoni oriġinali tiegħu, mal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali", kif ukoll mal-Artikolu 49 KE.

6 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Ottubru 2006, wara li kkontesta l-ilmenti msemmija mill-Kummissjoni, ir-Renju tal-Belġju informa lil din l-istituzzjoni li reviżjoni tas-sistema ta' għoti tal-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir fir-reġjun ta' Brussell-Kapitali kienet meħtieġa fi żmien qasir.

7 Wara li l-awtoritajiet Belġjani nnotifikaw l-emendi tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 introdotti permezz tal-Liġi tas-16 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni esprimiet mill-ġdid id-dubji tagħha, permezz ta' ittra ta' intimazzjoni addizzjonali tas-27 ta' Ġunju 2007, dwar il-konformità ta' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda mal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali", kif ukoll mal-Artikolu 49 KE. Il-Kummissjoni stiednet lir-Renju tal-Belġju sabiex jikkomunikalha l-osservazzjonijiet tiegħu f'terminu ta' xahrejn wara li jirċievi l-imsemmija ittra.

8 Permezz ta' ittra tal-1 ta' Awwissu 2007, ir-Renju tal-Belġju talab proroga tat-terminu għar-risposta filwaqt li ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jieħu l-azzjoni mixtieqa mill-ittra ta' intimazzjoni, u jekk ikun il-bżonn anki billi jadatta l-qafas regolatorju. Madankollu, huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kummissjoni fuq id-diffikultajiet interni ta' natura istituzzjonali. Il-Kummissjoni tat proroga tat-terminu għar-risposta sad-29 ta' Ottubru 2007. Talba oħra għal proroga ta' dan it-terminu indirizzata lill-Kummissjoni fis-26 ta' Ottubru 2007, li fiha ġew invokati l-istess motivi, ġiet miċħuda mill-Kummissjoni.

9 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata fejn stiednet lir-Renju tal-Belġju jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu ma' din l-opinjoni f'terminu ta' xahrejn mill-ġurnata li fiha jirċievi din l-opinjoni.

10 Ir-Renju tal-Belġju rrisponda permezz ta' ittra tal-4 ta' Lulju 2008, filwaqt li sostna li l-leġiżlazzjoni l-ġdida kienet konformi mad-dritt Komunitarju.

11 Permezz ta' opinjoni motivata addizzjonali, tal-1 ta' Diċembru 2008, u billi bbażat ruħha fuq is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2007, United Pan-Europe Communications Belgium *et* (C-250/06, Ġabra p. I-11135), il-Kummissjoni tenniet id-dikjarazzjonijiet tagħha li l-leġiżlazzjoni Belġjana ma kinitx tissodisfa l-kriterji ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni mfakkara f'din is-sentenza.

12 Permezz ta' ittra tas-16 ta' Jannar 2009, ir-Renju tal-Belġju rrisponda għall-opinjoni motivata addizzjonali filwaqt li sostna li, wara l-annullament mill-Kunsill tal-Istat (Belġjan) tad-Digrieti Ministerjali li jinnominaw l-istazzjonijiet tat-televiżjoni li jibbenefikaw mill-obbligu ta' xandir, l-ebda organizzazzjoni tax-xandir privata ma kellha l-istatus ta' benefiċjarja ta' dan l-obbligu u li, għaldaqstant, dan l-Istat Membru kien ikkonforma ruħu mal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali".

13 Billi ma kinitx konvinta mir-risposta tar-Renju tal-Belġju, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rikors preżenti.

Fuq ir-rikors

Fuq l-ammissibbiltà

L-argumenti tal-partijiet

14 Ir-Renju tal-Belġju jitlob li r-rikors jiġi ddikjarat inammissibbli permezz ta' tliet motivi.

15 Qabel kollox, l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali" jintroduċi biss is-sempliċi fakultà għall-Istati Membri li jimponu obbligi ta' xandir. Madankollu, peress li l-Artikolu 258 TFUE isemmi biss nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-kundizzjonijiet meħtieġa minn dan l-artikolu sabiex tinbeda l-proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma humiex sodisfatti.

16 Imbagħad, ir-rikors preżenti huwa purament ipotetiku. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija mill-Kummissjoni ma jistgħux jikkostitwixxu nuqqas ta' twettiq ta' obbligu peress li r-Renju tal-Belġju ma applikahomx b'mod effettiv. Skont dan l-Istat Membru, il-proċedura ta' nomina tal-istazzjonijiet tat-televiżjoni li jibbenefikaw mill-obbligu ta' xandir ma ntużatx.

17 Fl-aħħar nett, ir-Renju tal-Belġju jsostni li t-tielet ilment invokat mill-Kummissjoni fir-rikors tagħha, li jgħid li dan l-Istat Membru ma llimitax l-obbligu ta' xandir għall-operaturi tan-netwerks li hemm numru sinjifikattiv ta' utenti finali abbonati magħhom, ġie mressaq l-ewwel darba fl-istadju tar-rikors promotur. Konsegwentement, il-motivi

ma humiex identiċi fil-proċedura prekontenzjuża u fl-imsemmi rikors, u dan ostakola lill-imsemmi Stat Membru milli jiddefendi lilu nnifsu.

18 Il-Kummissjoni tirrispondi li s-sempliċi fatt li r-Renju tal-Belġju ttraspona d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali" fid-dritt nazzjonali tiegħu, jelimina l-argument li din id-dispożizzjoni toħloq fakultà għall-Istati Membri iktar milli timponi obbligu fuqhom. Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument li r-rikors preżenti huwa purament ipotetiku, il-fatt li l-liġi ta' traspożizzjoni ta' din id-dispożizzjoni għadha inapplikabbli ma huwiex biżżejjed sabiex irendi lil din il-liġi kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

19 Fir-rigward tal-fatt li l-motivi ma humiex identiċi fl-intimazzjoni, fl-opinjoni motivata u fir-rikors promotur, il-Kummissjoni tindika li l-eċċezzjoni ta' inammissibblità tapplika biss għall-ilment ikkonċernat u mhux għar-rikors kollu. Fi kwalunkwe każ, dan l-ilment diġà ġie invokat fl-istess termini fl-intimazzjoni addizzjonali, fl-opinjoni motivata u fl-opinjoni motivata addizzjonali u l-emenda tat-titolu tiegħu tirrifletti restrizzjoni tas-suġġett tal-imsemmi lment, permess mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl li parti waħda miż-żewġ partijiet tiegħu ġiet irrinunzjata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

20 Għandu jitfakkar li l-Kummissjoni takkuża lir-Renju tal-Belġju li naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva "Servizz Universali", fid-dawl tat-traspożizzjoni inkorretta tal-Artikolu 31 tagħha.

21 Bħalma jirrileva r-Renju tal-Belġju, l-imsemmi Artikolu 31 jintroduċi sempliċi fakultà għall-Istati Membri li jadottaw leġiżlazzjoni li tipprevedi l-impożizzjoni ta' obbligi ta' xandir ta' ċerti stazzjonijiet tat-televiżjoni. Madankollu, f'dan il-każ huwa stabbilit li l-leġiżlazzjoni Belġjana, u b'mod iktar partikolari, it-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 tipprovdi għan-nomina ta' ċerti stazzjonijiet li għandhom jibbenefikaw minn obbligu ta' xandir. Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni r-Renju tal-Belġju, huwa eżerċita din il-fakultà minħabba l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni li tittrasponi l-Artikolu 31 tad-Direttiva "Servizz Universali" fid-dritt nazzjonali tiegħu. L-ilmenti mressqa mill-Kummissjoni jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-kwistjoni jekk din it-traspożizzjoni, mwettqa mir-Renju tal-Belġju, hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

22 Fir-rigward tal-argument li r-rikors preżenti huwa purament ipotetiku, peress li r-Renju tal-Belġju ma applikax it-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 b'mod effettiv, minħabba li l-ebda stazzjon ma huwa s-suġġett ta' dan l-obbligu ta' xandir fil-preżent, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li tali ċirkustanza ma tistax trendi l-imsemmija dispożizzjoni kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

23 Fir-rigward tal-fatt li l-motivi ma humiex identiċi fil-proċedura prekontenzjuża u fir-rikors, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni effettivament emendat it-titolu tat-tielet ilment tagħha u rrinunzjat għal parti waħda miż-żewġ partijiet tiegħu.

24 Madankollu, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li huwa possibbli li s-suġġett tal-proċedura jiġi limitat fl-istadju tal-proċedura prekontenzjuża (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-221/04, Ġabra p. I-4515, punt 33, u tal-14 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-148/05, punt 35).

25 Min-naħa l-oħra, huwa stabbilit li l-parti tat-tielet ilment li nżammet fl-istadju tar-rikors hija ċċitata kemm fl-intimazzjoni addizzjonali kif ukoll fl-opinjoni motivata u l-opinjoni motivata addizzjonali. Għaldaqstant, ir-Renju tal-Belġju ma jistax jallega, b'mod validu, li l-imsemmi lment huwa invokat għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u li ma setax jippreżenta b'mod effettiv id-difiża tiegħu f'dan ir-rigward.

26 Konsegwentement, minn dak li ntqal qabel jirriżulta li r-rikors preżenti għandu jiġi ddikjarat ammissibbli.

Fuq il-mertu

L-argumenti tal-partijiet

27 Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tressaq tliet motivi.

28 L-ewwel ilment huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' għanijiet ta' interess ġenerali, ddefiniti b'mod ċar, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. Il-Kummissjoni tqis li din il-leġiżlazzjoni ssemmi dawn l-għanijiet ta' interess ġenerali f'termini vagi ħafna u ġenerali u li l-kriterji konkreti użati mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jagħżlu l-istazzjonijiet tat-televiżjoni li jibbenefikaw mill-obbligu ta' xandir la huma speċifikati fl-imsemmija leġiżlazzjoni fiha nnifisha u lanqas fid-dokumenti preparatorji tagħha.

29 Fil-fatt, hija biss l-espożizzjoni tar-raġunijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni li tindika li, matul id-determinazzjoni tal-lista ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni li jistgħu jibbenefikaw mill-obbligu ta' xandir, hemm lok li jiġi deskritt bi preċiżjoni l-għan ta' interess ġenerali mfittex minn din il-leġiżlazzjoni. Il-Kummissjoni tfakkar li, wara s-sentenza United Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, li eżaminat preċiżament jekk l-Artikolu 56 TFUE kienx jipprekludi l-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995, fil-verżjoni oriġinali tiegħu, id-Digriet Ministerjali tas-17 ta' Jannar 2001 li jinnomina l-istazzjonijiet tat-televiżjoni li jibbenefikaw mill-obbligu ta' xandir ġie annullat mid-Digriet tal-Kunsill tal-Istat tal-14 ta' Lulju 2008 minħabba, b'mod partikolari, li l-kriterji użati mill-awtoritajiet pubbliċi ma kinux magħrufa minn qabel.

30 Permezz tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni tallega li l-proċedura għall-għoti tal-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir previst fit-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 ma tosservax il-prinċipju ta' trasparenza.

31 Qabel kollox, ir-Renju tal-Belġju ma pprovda l-ebda indikazzjoni addizzjonali ħlief dawk li kienu relatati mal-adozzjoni tad-Digriet Ministerjali tas-17 ta' Jannar 2001. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' kriterji oġġettivi li jiżguraw il-minimu indispensabbli ta' trasparenza u ta' ċertezza legali, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom setgħa diskrezzjonali kbira ħafna li potenzjalment tista' tintuża b'mod arbitrarju.

32 Imbagħad, il-Kummissjoni tirrileva li n-nuqqas ta' trasparenza hija msaħħa mill-fatt li l-obbligu ta' xandir jidher japplika għal organizzazzjonijiet tax-xandir, u għaldaqstant, b'mod indeterminat, għall-istazzjonijiet tat-televiżjoni kollha li huma jxandru u mhux għall-istazzjonijiet innominati individwalment bħala tali minħabba l-kontenut tal-programmi televiżivi tagħhom. Billi bbażat ruħha fuq is-sentenza United Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Kummissjoni tirrileva li t-terminu "speċifiċi" użat fl-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali" għandu jiġi

interpretat fis-sens li l-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir huwa strettament limitat għall-istazzjonijiet tat-televiżjoni li l-kontenut globali tal-programmi tagħhom huwa f'pożizzjoni li jikseb l-għan ta' interess ġenerali propost.

33 Fl-aħħar, mill-imsemmija sentenza jirriżulta li l-kriterji li abbażi tagħhom jingħata l-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir għandhom ikunu nondiskriminatorji u li l-għoti ta' dan l-istatus ma jistax ikun suġġett għal rekwiżit ta' stabbiliment fit-territorju nazzjonali. Issa, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, l-obbligu ta' xandir kien jikkonċerna biss il-programmi mxandra mill-organizzazzjonijiet tax-xandir tal-Komunità Franċiża jew tal-Komunità Fjamminga. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-esklużjoni ta' organizzazzjonijiet stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, mingħajr ġustifikazzjoni speċifika, hija mhux biss kuntrarja għall-Artikolu 56 TFUE minħabba l-portata diskriminatorja u restrittiva, iżda wkoll nieqsa minn nuqqas ta' trasparenza u, għaldaqstant, tikser l-Artikolu 31 tad-Direttiva "Servizz Universali".

34 Permezz tat-tielet ilment tagħha, il-Kummissjoni tinvoka n-nuqqas ta' osservanza tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 31 tad-Direttiva "Servizz Universali". Fil-fatt, mill-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 jirriżulta li, bil-kontra ta' dak li jipprovdu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva "Servizz Universali", l-operatur ta' netwerk li għalih in-numru ta' utenti finali li jużawh bħala l-mezz prinċipali tagħhom sabiex jirċievu xandir bir-radju jew bit-televiżjoni ma huwiex sinjifikattiv, huwa bħala prinċipju, suġġett għall-obbligi ta' xandir, ħlief fil-każ ta' deroga eventwalment mogħtija mill-Ministru.

35 Ir-Renju tal-Belġju jikkontesta n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li huwa akkużat bih.

36 Dan l-Istat Membru jsostni li s-sistema ta' għoti tal-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir, previst mil-leġiżlazzjoni tiegħu, hija kompatibbli mal-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi. Fil-fatt, din is-sistema tapplika biss għall-organizzazzjonijiet tax-xandir Belġjani, stabbiliti fir-reġjun bilingwi ta' Brussell-Kapitali, u mhux għall-organizzazzjonijiet tax-xandir stabbiliti fi Stati Membri oħrajn.

37 L-imsemmija sistema ma tikkostitwixxix vantaġġ mogħti lill-organizzazzjonijiet tax-xandir nazzjonali bi preġudizzju għall-organizzazzjonijiet tax-xandir stabbiliti fi Stati Membri oħrajn peress li tingħata bħala kontroparti ta' obbligi kbar li saru mal-Komunitajiet Belġjani mill-organizzazzjonijiet tax-xandir nazzjonali kkonċernati. Barra minn hekk, fil-fehma tar-Renju tal-Belġju, l-organizzazzjonijiet tax-xandir stabbiliti fi Stati Membri oħrajn, minn naħa, ma jitolbux sabiex jibbenefikaw mill-obbligu ta' xandir fir-reġjun ta' Brussell peress li t-telespettaturi ta' Brussell ma humiex il-pubbliku rilevanti u, min-naħa l-oħra, jibbenefikaw minn dan l-obbligu fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom kif ukoll mil-libertà ta' xandir fir-reġjun ta' Brussell, skont l-Artikolu 14 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995. Barra minn hekk, l-imsemmija organizzazzjonijiet tax-xandir għandhom mezzi tekniċi oħrajn sabiex ixandru l-programmi tagħhom.

38 Ir-Renju tal-Belġju jsostni li, fi kwalunkwe każ, jekk is-sistema ta' għoti tal-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir, stabbilita mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, għandha titqies bħala restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, din tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali.

39 Fil-fatt, din is-sistema tagħmel parti minn politika awdjoviżiva li hija intiża sabiex tippermetti li t-telespettaturi jkollhom aċċess għal stazzjonijiet tat-televiżjoni ta' servizz pubbliku li jinsabu fil-qrib jew għal stazzjonijiet li jassumu l-obbligi ta' servizz pubbliku. L-għan tagħha huwa li tipproteġi n-natura pluralista u kulturali tal-offerta ta' programmi fuq il-kejbil u li tiżgura l-aċċess tat-telespettaturi kollha għal dan il-pluraliżmu.

40 Barra minn hekk, għal dak li jirrgwarda l-kompatibbiltà tal-obbligi ta' xandir previsti fl-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 mad-Direttiva "Servizz Universali", ir-Renju tal-Belġju jirrileva li dawn jeżistu biss għall-organizzazzjonijiet tax-xandir ta' servizz pubbliku tal-Komunità Franċiża u dik Fjamminga kif ukoll għall-istazzjonijiet tat-televiżjonijiet li jinsabu fil-qrib. Dan l-Istat Membru ma għamilx użu mill-fakultà li jinnomina organizzazzjonijiet tax-xandir oħrajn, b'tali mod li ma jista' jiġi akkużat bl-ebda nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

41 Fl-aħħar nett, ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-għanijiet ta' interess ġenerali tal-leġiżlazzjoni tiegħu huma ddefiniti b'mod ċar fil-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 innifisha, peress li hija intiża sabiex tiżgura l-pluraliżmu u d-diversità kulturali u li l-għoti tal-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir huwa s-suġġett ta' proċedura ċara u trasparenti, li hija ddeterminata minn din il-liġi.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

42 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li n-nomina ta' ċerti stazzjonijiet tat-televiżjoni bħala s-suġġett ta' obbligu ta' xandir, skont l-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995, tikkostitwixxi restrizzjoni għall-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fis-sens tal-Artikolu 56 TFUE, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fil-punti 28 sa 38 tas-sentenza tagħha United Pan-Europe Communications Belgium *et,* iċċitata iktar 'il fuq, għal dak li jikkonċerna n-nomina mid-Digriet Ministerjali tal-istazzjonijiet ta' ċerti organizzazzjonijiet tax-xandir privati, skont il-verżjoni oriġinali ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali.

43 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali restrizzjoni għal-libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat FUE tista' tiġi ġġustifikata peress li tissodisfa raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, sakemm tkun adatta sabiex tiggarantixxi l-kisba tal-għan li trid tilħaq u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tikseb dan (sentenza United Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata

iktar ’il fuq, punti 39 u l-ġurisprudenza ċċitata). Huwa taħt din l-istess perspettiva li l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva “Servizz Universali” jippermetti lill-Istati Membri sabiex jimponu obbligi raġonevoli ta’ xandir meta tali obbligu “huma meħtieġa biex jilħqu miri ta’ interess ġenerali definiti b’mod ċar” u huwa meħtieġ li jkunu “proporzjonati u trasparenti”.

44 F’dan il-każ, l-għan li jrid jintlaħaq, identifikat fl-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta’ Marzu 1995, jikkonsisti f’li jiġu żgurati l-pluraliżmu u d-diversità kulturali. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, u hekk kif il-Kummissjoni tirrikonoxxi fil-kawża preżenti, politika kulturali tista’ tikkostitwixxi raġuni imperattiva ta’ interess ġenerali li tiġġustifika restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ara, f’dan is-sens, is-sentenza United Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata iktar ’il fuq, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Madankollu, il-Kummissjoni tistaqsi dwar il-proporzjonalità tal-Liġi tat-30 ta’ Marzu 1995 u, b’mod iktar preċiż, dwar in-natura xierqa tal-proċedura u tal-kriterji użati sabiex jiġu nnominati stazzjonijiet li jibbenefikaw mill-obbligu ta’ xandir.

46 Ir-Renju tal-Belġju jirrileva li l-awtoritajiet tiegħu ma għamlux użu mill-fakultà li jinnominaw organizzazzjonijiet tax-xandir oħrajn, ħlief dawk ta’ servizz pubbliku tal-Komunità Franċiża u dik Fjamminga, kif ukoll dawk tal-istazzjonijiet tat-televiżjonijiet li jinsabu fil-qrib, liema organizzazzjonijiet ma humiex ikkonċernati mir-rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu preżenti.

47 Fil-fatt, f’dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li mir-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni, moqri kollu kemm hu, b’mod partikolari mill-ħafna riferimenti għat-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta’ Marzu 1995, kif ukoll mis-sentenza United Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata iktar ’il fuq, liema sentenza

tikkonċerna l-konformità ta' miżura li timplementa din id-dispożizzjoni mad-dritt tal-Unjoni, jirriżulta li l-portata tar-rikors preżenti hija limitata għan-nomina, permezz ta' digriet, tal-programmi ta' tali organizzazzjonijiet tax-xandir privati, skont it-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13. Għaldaqstant, l-argument tal-Kummissjoni, ibbażat fuq il-fatt li t-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 jipprovdi huwa stess li l-programmi tat-televiżjoni mxandra mill-organizzazzjonijiet tax-xandir ta' servizz pubbliku tal-Komunità Franċiża jew tal-Komunità Fjamminga huma suġġetti għall-obbligu ta' xandir, ma huwiex rilevanti peress li din id-dispożizzjoni tal-aħħar ma hijex is-suġġett ta' raġunament speċifiku fir-rikors u għaldaqstant għandu jitqies bħala mhux ikkonċernat minnha.

48 Madankollu, hemm lok li jiġi enfasizzat li l-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 huwa intiż sabiex jiżgura t-traspożizzjoni tal-Artikolu 31 tad-Direttiva "Servizz Universali" u li t-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu jipprevedi preċiżament in-nomina ta' dawn l-organizzazzjonijiet privati l-oħra bħala l-benefiċjarji tal-obbligi ta' xandir.

49 Għaldaqstant, sa fejn is-suġġett tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa l-mod kif id-Direttiva "Servizz Universali" ġiet trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, għandu jiġi vverifikat jekk it-test stess tal-imsemmija leġiżlazzjoni jinkludix in-natura insuffiċjenti jew difettuża tat-traspożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-392/96, Ġabra p. I-5901, punti 59 u 60; tal-20 ta' Novembru 2008, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-66/06, punt 59 u, tat-12 ta' Frar 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-475/07, punt 54).

50 Fir-rigward tal-ewwel ilment dwar in-nuqqas ta' għanijiet ta' interess ġenerali ddefinit b'mod ċar fl-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995, għandu jitfakkar li

skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali", l-obbligi ta' xandir għandhom jiġu imposti biss fejn huma meħtieġa biex jilħqu għanijiet ta' interess ġenerali ddefiniti b'mod ċar u għandhom ikunu proporzjonati u trasparenti.

51 Fil-fatt, skont il-premessa 43 tad-Direttiva "Servizz Universali", l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistipulaw obbligi proporzjonati fuq impriżi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, fl-interess ta' kunsiderazzjonijiet leġittimi ta' politika pubblika, iżda dawk l-obbligi għandhom ikunu imposti biss fejn ikunu meħtieġa biex jissodisfaw l-għanijiet ta' interess ġenerali definiti b'mod ċar mill-Istati Membri b'konformità mal-liġi tal-Komunità u għandhom ikunu proporzjonati, trasparenti u suġġetti għal reviżjoni perjodika.

52 Issa, huwa ċertament veru li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 jipprevedi li, bl-għan li jiżgura l-pluraliżmu u d-diversità kulturali l-operatur għandu jxandar simultanjament u fl-intier tagħhom il-programmi tat-televizzjoni ta' ċerti organizzazzjonijiet tax-xandir tal-Komunitjiet Belġjani. Barra minn hekk, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, il-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 trid, għaldaqstant, tilħaq għan kulturali ta' interess ġenerali li, barra minn hekk, hija adatta sabiex tiggarantixxi l-kisba tiegħu (sentenza United Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 42 u 43).

53 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kuntest ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE, fir-rigward tan-natura neċessarja tal-verżjoni preċedenti tat-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, li anki jekk iż-żamma tal-pluraliżmu, skont il-politika kulturali, hija marbuta mad-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni u li, għaldaqstant, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom setgħa diskrezzjonali kbira f'dan ir-rigward, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-miżuri intiżi sabiex tiġi implementata tali politika ma għandhomx fl-ebda każ ikunu sproporzjonati meta mqabbla ma' dan l-għan u l-modalitajiet tal-applikazzjoni tagħhom ma għandhomx ikunu diskriminatorji bi preġudizzju għal ċittadini ta' Stati Membri oħrajn (sentenza ċċitata iktar 'il fuq United

Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44). Għaldaqstant, l-istatus ta' stazzjon benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir għandu jkun strettament limitat għall-istazzjonijiet li l-kontenut globali tal-programmi tagħhom huwa f'pożizzjoni li jilħaq l-għan ta' interess ġenerali mfittex (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, United Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47, kif ukoll tat-22 ta' Diċembru 2008, Kabel Deutschland Vertrieb und Service, C-336/07, Ġabra p. I-10889, punt 42).

54 Għandu jiġi kkonstatat li sempliċi dikjarazzjoni ta' għan ta' politika ġenerali, li barra minn hekk, ma hija akkumpanjata minn l-ebda element addizzjonali li jista' jippermetti lill-operaturi li jiddeterminaw minn qabel in-natura u l-portata tal-kundizzjonijiet u tal-obbligi preċiżi li jridu jiġu sodisfatti meta huma japplikaw għall-għoti tal-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir, ma tippermettix li jiġu sodisfatti dawn ir-rekwiżiti.

55 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li t-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 ma jiddefinixxix b'mod ċar il-kriterji konkreti użati mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jagħżlu l-istazzjonijiet tat-televiżjoni li jibbenefikaw mill-obbligu ta' xandir u li, għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma hijiex preċiża biżżejjed sabiex tiżgura li l-istazzjonijiet kif magħżula huma dawk li l-kontenut globali tal-programmi tagħhom huwa f'pożizzjoni li jikseb l-għan kulturali ta' interess ġenerali mfittex.

56 Min dan isegwi li l-ewwel ilment invokat mill-Kummissjoni insostenn tar-rikors tagħha huwa fondat.

57 Permezz tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni takkuża lir-Renju tal-Belġju li l-proċedura għall-għoti tal-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir prevista

fit-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 ma tosservax il-prinċipju ta' trasparenza li jirriżulta mill-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali", u dan fid-dawl tan-nuqqas ta' kriterji użati għall-għoti ta' dan l-istatus, tan-nuqqas ta' speċifikazzjoni tal-istazzjonijiet tat-televiżjoni li jibbenefikaw mill-imsemmi status u tal-ambigwità dwar ir-rekwiżit ta' stabbiliment fit-territorju Belġjan.

58 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 jinnomina l-organizzazzjonijiet tax-xandir li l-programmi tagħhom jibbenefikaw mill-obbligu ta' xandir. It-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 isemmi kull organizzazzjoni tax-xandir li ma hijiex pubblika, tal-Komunità Franċiża u Fjammina, li r-Re jinnomina f'digriet deliberat fil-Kunsill tal-Ministri.

59 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmija dispożizzjoni ma tippreċiża l-ebda kriterju oggettiv u magħruf minn qabel użat mill-awtoritajiet Belġjani għannomina tal-programmi tal-imsemmija organizzazzjonijiet bħala l-benefiċjarji tal-obbligu ta' xandir. Fil-fatt, din l-istess dispożizzjoni tindika biss li r-Re jinnomina, permezz ta' digriet iddeliberat fil-Kunsill tal-Ministri, liema minn dawn l-organizzazzjonijiet ser jibbenefikaw minn dan l-obbligu.

60 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kriterji li jridu jiġu sodisfatti għall-għoti tal-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir ma humiex magħrufa mill-organizzazzjonijiet tax-xandir mhux pubbliċi, li jistgħu jibbenefikaw mill-obbligi ta' xandir. Konsegwentement, tali proċedura ma tosservax il-prinċipju ta' trasparenza, fis-sens tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali".

61 Imbagħad, mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali" jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi ta' xandir lill-operaturi tannetwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għax-xandir tal-istazzjonijiet jew ta' servizzi tar-radju u tat-televiżjoni speċifiċi.

62 Fir-rigward tan-natura speċifika tal-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni li jistgħu jibbenefikaw mill-obbligu ta' xandir, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jindikaw b'mod speċifiku l-istazzjonijiet li ser jingħatalhom l-istatus ta' benefiċjarju ta' dan l-obbligu (sentenza Kabel Deutschland Vertrieb und Service, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24).

63 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-istatus ma jistax jingħata awtomatikament lill-istazzjonijiet tat-televiżjoni kollha mxandra mill-istess organizzazzjoni tax-xandir privata, iżda li għandu jkun strettament limitat għal dawk li l-kontenut globali tal-programmi tagħhom huwa f'pożizzjoni li jilħaq l-għan ta' interess ġenerali mfittex (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, United Pan-Europe Communications Belgium *et*, punt 47, kif ukoll Kabel Deutschland Vertrieb und Service, punt 42).

64 Issa, skont il-kliem tat-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995, ma huwiex eskluż li, bħala benefiċjarji tal-obbligu ta' xandir, ir-Re jinnomina organizzazzjonijiet tax-xandir mhux pubbliċi, tal-Komunità Franċiża u dik Fjamminga, b'tali mod li l-programmi kollha mxandra minn dawn l-organizzazzjonijiet tax-xandir jibbenefikaw awtomatikament mill-imsemmi obbligu independentement mill-kontenut globali ta' dawn il-programmi u mill-kapaċità tagħhom li jilħqu l-għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali mfittxija mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

65 Minn dan jirriżulta li t-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995, ma jistipulax b'mod ċar biżżejjed li l-benefiċċju tal-obbligu ta' xandir jista' jingħata biss lil stazzjonijiet tat-televiżjoni speċifiċi, kif mitlub mill-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali".

66 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li l-kriterji li abbażi tagħhom jingħata l-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir ma għandhomx ikunu diskriminatorji. B'mod partikolari, l-għoti ta' dan l-istatus ma jistax, la bid-dritt u lanqas bil-fatt, jiġi suġġett għal rekwiżit ta' stabbiliment fit-territorju nazzjonali (sentenza United Pan-Europe Communications Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48).

67 F'dan ir-rigward, hekk kif issostni l-Kummissjoni, mingħajr ma ġiet kontradetta fuq dan il-punt mir-Renju tal-Belġju, ir-rekwiżit li jirriżulta mit-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995, li jgħid li l-organizzazzjonijiet tax-xandir mhux pubbliċi għandhom ikunu tal-Komunitajiet Belġjani, ma jippermettix li jiġi eskluż li l-għoti tal-istatus ta' benefiċjarju tal-obbligu ta' xandir jeħtieġ, fid-dritt u fil-fatt, li dawn l-organizzazzjonijiet tax-xandir ikunu stabbiliti fil-Belġju.

68 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmi rekwiżit ma huwiex biżżejjed sabiex jissodisfa l-kundizzjoni ta' trasparenza prevista fl-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali". Fil-fatt, mit-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 ma jirriżultax b'mod ċar liema hija l-portata tar-rekwiżit li jitlob li l-organizzazzjonijiet tax-xandir li mhux pubbliċi għandhom ikunu tal-Komunitajiet Belġjani sabiex jibbenefikaw mill-obbligu ta' xandir.

69 F'dan ir-rigward, ir-Renju tal-Belġju ma jippreċiżax x'jifhem bil-kunċett ta' organizzazzjonijiet tax-xandir tal-Komunitajiet tiegħu.

70 Minn dan isegwi li t-tieni lment invokat mill-Kummissjoni insostenn tar-rikors tagħha huwa fondat ukoll.

71 It-tielet ilment tal-Kummissjoni jirrigwarda n-nuqqas ta' osservanza tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 31 tad-Direttiva "Servizz Universali" minħabba li l-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 ma llimitax l-obbligu ta' xandir għall-operaturi tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet elettroniċi li magħhom huma abbonati numru sinjifikattiv ta' utenti finali.

72 Il-punt (b) tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 13 ta' din il-liġi jippermetti lill-Ministru sabiex, fuq rakkomandazzjoni tal-Istitut, jeżenta operatur mill-obbligi ta' xandir jekk ma jkunx hemm biżżejjed utenti finali fuq in-netwerk li jużawh bħala s-sors prinċipali sabiex jirċievu l-programmi tat-televiżjoni, b'tali mod li l-investimenti neċessarji sabiex tiġi eliminata l-impossibbiltà teknika jkunu irraġonevoli.

73 Issa, l-obbligi ta' xandir li jirriżultaw mill-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali" jistgħu jiġu imposti fuq l-operaturi tan-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi biss meta numru sinjifikattiv ta' utenti finali ta' dawn in-netwerks jużawhom bħala l-mezz prinċipali tagħhom sabiex jirċievu x-xandir bir-radju jew bit-televiżjoni.

74 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-punt (b) tar-raba'paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 ma jittrasponix korrettament ir-rekwiżit previst fl-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali". Fil-fatt, il-possibbiltà għall-awtoritajiet Belġjani li jeżentaw mill-obbligi ta' xandir lill-operaturi ta' netwerks li n-numru ta' utenti finali li jużawhom bħala l-mezzi prinċipali tagħhom sabiex jirċievu l-programmi tat-televiżjoni, ma hijiex suffiċjenti sabiex tippermettilhom, fil-każ li l-eżenzjoni tiġi rrifjutata, li jimponu l-imsemmija obbligi fuq l-imsemmija operaturi. Barra minn hekk, l-operatur ikkonċernat għandu jipproduċi prova li l-kundizzjonijiet għall-kisba tal-eżenzjoni huma sodisfatti.

75 Għaldaqstant, peress li l-obbligi ta' xandir previsti fl-Artikolu 31 tad-Direttiva "Servizz Universali" jistgħu jkunu intiżi biss għall-operaturi ta' netwerks li għandhom numru suffiċjenti ta' utenti finali li jużawhom b'mod prinċipali, minn dan isegwi li l-punt (b) tar-raba'paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-30 ta' Marzu 1995 ma jittrasponix b'mod korrett l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva "Servizz Universali".

76 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li t-tielet ilment invokat mill-Kummissjoni insostenn tar-rikors tagħha huwa fondat.

77 Konsegwentement, minn dak kollu li ntqal qabel jirriżulta li, billi ma ttrasponiex korrettament l-Artikolu 31 tad-Direttiva "Servizz Universali", ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva u tal-Artikolu 56 TFUE.

Fuq l-ispejjeż

78 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Renju tal-Belġju tilef, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi ma ttrasponiex korrettament l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali), ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva u tal-Artikolu 56 TFUE.**

2) **Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

Firem